**5 ta' Awwissu**

**Tifkira ta'**

# IL-KONSAGRAZZJONI TAL-BAŻILKA

# TA' S. MARIA MAGGIORE

Wara li l-Konċilju ta' Efesu (431) stqarr li Omm Ġesu' hi Omm Alla, Sistu III bena bażilka fuq l-Eskwilin, f'Ruma, iddedikata f'ġieħ l-Omm qaddisa ta' Alla, li mbagħad saret magħrufa bħala "Santa Maria Maggiore". Fil-punent, din hi l-eqdem knisja ddedikata f'ġieħ il-Madonna.

Mill-Komun tal-Madonna... barra li ġej...

## Tifħir ta' sbiħ il-jum

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Qaddisa Marija, Omm Alla u dejjem Verġni, imbierka int fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek.

Talba

Warrab minn quddiem għajnejk, Mulej, il-ħtijiet tal-poplu tiegħek, biex aħna, li ma għandniex ħila nogħġbuk b'dak li nagħmlu aħna, insalvaw bit-talb ta' Omm Ibnek, Ġesu' Kristu Sidna, li hu Alla.

## Fil-Għasar

Ant. tal-kant. ta' Marija Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.